# Il-Verb Sħiħ




Ramon: Xxxx iskot għax se tismagħna Gladys.

Rosie: Imma int vera ma taħsibhomx ta!

Rosie: U jien m'għandix grazzja magħha, baqax issa saret tħobb lil Anton. Povru raġel! Qas trid tkun sufa f'ġismu! Mela ta.... Ramon!! Ismagħni!! Ħriġt dawra lil Reginald u jien u nieżla smajt lil Gladys iddoqq koċċ diski tat-tiġijiet u tkanta galor magħhom qisha ċawla!!"

Ramon: *E! Allora!*

Rosie: U ajma Ramon, taf xi jfisser dan? Ifisser li Gladys se tagħmilha u taf xiex? Se tagħmilha qabel oħti Jackie! Dak in-nofs gost li għandha donnu ma jridx jaf!

* * * *

Ġo moħħ Ramon kienu għaddejjin xebgħa argumenti li kien sefsiflu f'widnejh Percival. Darba, fil-bar ta' taħthom, għaddew lejl ipaċpċu fuq il-futur tagħhom, speċjalment dak ta' Percival. Iżda li hu żgur hu li Jackie mhux se tibqa' fuq l-ixkaffa!

A. Imla din it-tabella. Segwi l-eżempju.

| Verb | Mamma | Għerq | | Verb | Mamma | Għerq |
|---|---|---|---|---|---|---|
| tismagħna | sema' | s-m-għ | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |

Isem: ___________________________ Klassi: ______________________-

***Nota:*** Il-verbi li ġejjin mill-Għarbi (mis-Semitiku) nsejħulhom verbi sħaħ. Jeżistu 3 tipi ta' verbi sħaħ:

- It-trilitteri (3 konsonanti)
- It-torox (3 konsonanti)
- Il-kwadrilitteri (4 konsonanti)

Dawn il-verbi tinqeda bihom kuljum biex titkellem, taqra jew tikteb għalhekk tajjeb li tkun taf l-istorja tagħhom.

**B. Ikklassifika dawn il-verbi sħaħ skont jekk humiex *trilitteri, kwadrilitteri* jew *torox*.**




| Verb | Trilitteru | Trux | Kwadrilitteru |
|---|---|---|---|
| **ċapċap** | | | ✓ |

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** _______________